# L-GHASFUR
## u l-ambjent naturali

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY



MOS

MZ6

# L-GĦASFUR
## u l-ambjent naturali

REBBIEGĦA 1982 NUMRU 1

IS-SOĊJETA ORNITOLOĠIKA MOS P O BOX 498, VALLETTA

TAQSIMA ŻGĦAŻAGĦ

## F'DIN IL-ĦARĠA

3 Il-Passa ta' l-agħsafar

6 Ħuttaf, Ħawwief u Rundun

9 Il-Merill

11 Il-Buskett

13 Se Tixtri Tromba ?

BORD EDITORJALI

*Editur:* A.E. Baldacchino
*Membri:* S. Balzan
R. Galea
M. Grima
*Typesetting:* M. Grima
*Artwork:* A.E. Baldacchino

*Mitbugħ:*

RITRATT TAL-FAĊĊATA

PESPUS TAL-BAĦAR (Wood Sandpiper)
*ritratt ta' Charles Galea*

RITRATT TA' WARA

ĦALIB IT-TAJR
*ritratt ta' Alfred E. Baldacchino*
*ara pagna 15*



Prog. No. 144696

## L-GĦASFUR U L-AMBJENT NATURALI

L-għanijiet tas-Soċjeta Ornitoloġika (MOS) huma l-istudju u l-ħarsien ta' l-agħsafar li huma parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna. Wieħed mill-mezzi biex l-MOS tilħaq dawn l-għanijiet huwa permezz ta' publikazzjonijiet edukattivi li jitqassmu f'diversi oqsma. Iżda dan ma jfissirx li l-kumplament ta' l-ambjent naturali bil-ħlejjaq selvaġġi li jgħixu fih ma għandhomx importanza. Għalhekk meta wieħed joħroġ fil-kampanja biex jistudja jew josserva l-agħsafar, wieħed għandu jżomm f'moħħu l-fatt li anke l-fjuri selvaġġi, l-insetti, r-rettili w annimali oħra li jgħixu fl-ambjent naturali, lkoll huma parti mill-wirt naturali tagħna u lkoll għandhom bżonn il-ħarsien tagħna.

Biex il-membri żgħazagħ ta' l-MOS ikunu jistgħu jifformaw kuxjenza soda favur il-ħtieġa tal-ħarsien tal-wirt naturali ta' pajjiżna, is-Soċjeta Ornitoloġika ħasset il-bżonn li tippublika dan il-magazine ġdid bl-isemm "L-GĦASFUR U L-AMBJENT NATURALI". Kif wieħed jinnota dan il-magazine huwa kważi kollu ddedikat lill-għasafar, ħlief parti żgħira li tintroduċi lill-qarrejja ma xi ħlejjaq oħra li nsibu fl-ambjent naturali, u li ritratt tagħha jibda jidher fuq il-qoxra ta' wara. B'dan il-mod aħna nittamaw illi l-qarrejja tagħna jħossu l-ħtieġa li nħarsu l-ambjent naturali kollu, fejn l-agħsafar huma biss parti minnu. Is-sbuħija ta' l-ambjent naturali bil-ħlejjaq kollha tiegħu hija sbuħija ħajja u jekk ma nagħmlux minn kollox biex inħarsuha ħalli tkompli toktor ħielsa, nistgħu nitilfuha għal dejjem b'detriment għalina u għall-agħsafar.

Alfred E. Baldacchino
Editur



# IL-PASSA TA' L-AGĦSAFAR

Il-passa hija wieħed mill-aspetti fil-ħajja ta' l-agħsafar li tgħaggeb lill-bniedem. Imma dan il-misteru mhux dejjem kien jiġi nterpretat tajjeb. Uhud kienu jaħsbu li meta l-Kudirross ma kienx jidher fix-xitwa dan kien jinbidel f'Pitirross. Fl-Ewropa tal-Punent kienu jaħsbu li l-Ħuttaf kien jgħodos fil-qiegħ tal-ġibjuni u joqgħod hemm fit-tajn għax-xitwa. Spjegazzjoni oħra , li llum naraw kemm kienet ħrafa, kienet li l-agħsafar kienu jtiru lejn il-qamar u peress li hemmhekk ma kinux isibu ikel, kienu jorqdu raqda twila sakemm jirritornaw l-istaġun ta' wara. Dawn kienu xi ftit mit-teoriji kif kienu jispjegaw il-misteri tal-passa ta' l-agħsafar meta ma kienx hemm tagħrif biżżejjed.

L-agħsafar huma 'warm blooded' bħall-bniedem u għalhekk jibqgħu attivi s-sena kollha. Hemm għasfur wieħed biss li hu magħruf li jorqod ix-xitwa kollha. Fix-xitwa l-agħsafar jevitaw li t-temperatura ta' ġisimhom taqa' aktar baxxa mill-livell aċċettat u għalhekk ipassu.



*Sturnell*

Meta fir-rebbiegħa, fil-pajjiżi ta' l-Ewropa ta' fuq, jibda jinħall is-silġ, u tinkixef l-art u jinkixfu ż-żrieragħ li kienu mgħottija mill-ħarifa ta' qabel, jibda jinbet il-ħaxix. Dan hu ambjent adattat għall-agħsafar li jsibu kwantita' ta' ikel biżżejjed biex ikunu jistgħu jżoqqu l-frieħ tagħhom. Il-ġranet ikunu twalu wkoll.

Il-passa fiha ħafna perikli bħal tempesti u nuqqas ta' ikel, iżda l-vantaġġi huma kbar. L-agħsafar ipassu biss jekk ikun jaqblilhom jagħmlu dan. Agħsafar ta' l-istess speċi jistgħu jpassu minn post wieħed filwaqt li jibqgħu residenti f'post ieħor. Hekk, per eżempju, l-Isturnell jitlaq mill-Iskozja, iżda fin-nofs in-nhar ta' l-Ingilterra, ftit mill-Isturnell jitlaq lejn Spanja, waqt li oħrajn jibqgħu ġo l-Ingilterra.

Ma hemm ebda evidenza kif u meta bdiet il-passa ta' l-agħsafar, iżda uhud jaħsbu li l-passa bdiet meta fi Żmien is-Silġ dan beda jinħall u l-agħsafar bdew jitilgħu aktar 'l fuq iżda xorta baqgħu jinżlu 'l isfel għas-sħana fix-xitwa.

Hemm erba' avvenimenti kbar fis-sena fil-ħajja ta' l-agħsafar tal-passa: il-passa tar-rebbiegħa, dik tal-ħarifa, żmien il-bejta u l-bdil bil-mogħod tar-rix (meta l-għasfur joħrof). Kull waħda minn dawn iddum xi ġimgħat u dan hu żmien diffiċli għall-għasfur. Għalhekk hu ferm importanti li l-għasfur iqis sewwa ż-żmien meta jpassi fir-rebbiegħa. Jekk dan jasal kmieni fil-post fejn ikun se jbejjet jista' ma jsibx ikel biżżejjed kif ukoll jista' jiksaħ u jmut. Jekk jasal tard, iż-żmien biex ibejjet u joħrof jista' jkun qasir ħafna u mhux biżżejjed.

Il-ġibda naturali biex ibejjet u biex ipassi, kif ukoll il-process biex jibda joħrof huma stimulati minn glandoli li

jbiddlu l-kimika fil-ġisem ta' l-għasfur. Dawn jerħu ċerti kimiċi u jġiegħlu l-għasfur jagħmel dak li suppost jagħmel fit-tali żmien tas-sena. Xi esperimenti li saru kienu wrew li xi speċi ta' għasafar li kienu imqegħdin f'gaġġeg kbar biex jiġu osservati, wrew li dan l-arloġġ bioloġiku jista' jitressaq 'l quddiem u lura jekk it-tul tal-ġurnata jiġi mibdul b'mezzi ta' dawl artifiċjali.

Qabel ipassu l-agħsafar jieklu aktar mis-soltu. Dan jagħmluh istintivament permezz ta' l-arloġġ bioloġiku. Hemm evidenzi li l-ammont ta' xaħam li jkollu għasfur huwa direttament relatat man-numru ta' sigħat li dan l-għasfur se jdum itir bla waqfien u bla mistrieħ. F'certi każi għasfur jista' jirdoppja l-piż. Bagħal tas-Simar (Sedge Warbler) jista' minn 11.3 grammi jiżen 22.6 grammi fi ftit gimgħat qabel ipassi lejn in-nofs in-nhar ta' l-Ewropa. Huwa stmat li għasfur żgħir f'dan l-istat għandu riservi biżżejjed biex itir mingħajr mistrieħ bejn 60 u 90 siegħa.



*Kuda*



*Bagħal tas-Simar*

Id-distanzi li jagħmlu l-agħsafar fil-passa, jvarjaw skond l-ispeċi ta' l-għasfur. Għasfur li jpassi mill-Iskandinavja lejn il-Gran Brittanja, bħall-Isponsun, jagħmel ftit mijiet ta' kilometri, filwaqt li dawk li jħallu l-Gran Brittanja għat-Tramuntana ta' l-Afrika, bħall-Vjolin tax-Xitwa (Chiffchaff) u l-Kapinera (Blackcap), jagħmlu madwar 2400 kilometru. Il-Ħuttafa (Swallow) li tasal sa l-Afrika t'isfel tagħmel bejn 8000 u 9500 kilometru. Dawk l-agħsafar, bħaċ-Ċirlewwa ta' l-Artiku (Arctic Tern) ipassu mill-post fejn ibejtu fl-Artiku għall-Antartiku, vjaġġ ta' madwar 13,000 kilometru. Dan jagħmluh darbtejn fis-sena. Għasafar oħra, bħall-Kuda (Wheatear) jagħmlu vjagg ta' madwar 3200 kilometru f'titjira waħda bla waqfien, fuq il-baħar, meta jpassu minn Greenland għat-Tramuntana ta' Spanja.

Il-ħeffa li biha jpassu l-agħsafar tvarja wkoll skond l-ispeċi. Ġeneralment l-agħsafar iż-żgħar ma jagħmlux aktar minn 84 kilometru fis-siegħa. Dan ma jgħoddx għall-ħuttaf, ħawwief u l-isturnell li jtiru b'ħeffa akbar. L-isqra ipassu b' veloċita' ta' minn 48 sa 65 kilometru fis-siegħa. Mill-banda l-oħra, l-agħsafar tal-plajja (waders) u tax-xtajtiet ilaħħqu t-80 kilometru fis-siegħa. Il-borok (ducks) ilaħħqu mas-96 kilometru fis-siegħa. B'din il-ħeffa l-agħsafar itiru distanzi twal f'ġurnata waħda.



*Beggazzina tar-Rokka*

Sar magħruf li l-agħsafar jistgħu jtiru f'għoli ta' madwar 6000 metru, għalkemm il-biċċa l-kbira ta' l-agħsafar ipassu f'għoli ta' 900 metru.

Ġieli jkun hemm differenzi fit-tluq u l-wasla skond is-sess, iż-żmien u d-destinazzjoni ta' l-agħsafar. Bħal regola, l-irġiel jaslu fil-post fejn ikunu se jbejjtu ftit ġranet qabel in-nisa. Dan jgħinhom biex isibu territorju li minnħajru ma jkunux jistgħu jsibu s-sieħba. Fil-Ħarifa il-frieħ ġieli jpassu qabel ix-xjuħ. Iżda d-Daqquqa l-Kaħla (Cuckoo) x-xjuħ jitilqu qabel il-frieħ (peress li dawn l-agħsafar ibejtu fil-bejtiet ta' għasafar oħrajn).

Dawk l-agħsafar li jieklu l-insetti, bl-eċċezzjoni tal-ħuttaf, jibdew il-vjaġġ tal-passa tagħhom fil-għaxija, u kważi dejjem jinżlu l-art filgħodu kmieni. Dan jippermettilhom li jieklu matul il-ġurnata u fl-istess ħin ikollhom aktar protezzjoni mit-tajr tal-priża. Dawk l-agħsafar li jieklu ż-żrieragħ, ipassu bi nhar; jitilqu filgħodu kmieni u jtiru għal ftit sigħat kontinwi. Dan hu possibli għax il-vjaġġ tal-passa tagħhom ma jinvolvix titjiriet twal fuq il-baħar.

Forsi wieħed mill-akbar misterji tal-passa ta' l-agħsafar huwa kif huma jirnexxilhom isibu triqthom minn fuq pajjiżi li qatt ma jkunu taru fuqhom. Waħda mill-possibiltajiet ta' kif l-agħsafar jirnexxilhom isibu triqthom hija li dawn jużaw ix-xemx u l-kwiekeb. Saru bosta esperimenti bl-isturnell biex jiskopru kif dawn isibu triqthom. Irriżulta li meta l-isturnell tpoġġew f'gaġġeg dawn dejjem kienu jħarsu lejn l-istess direzzjoni: dik li lejha l-isturnell ħieles kien qed ipassi - l-lbiċ. Barra minn hekk meta xi sturnell inqabdu minn post, waqt il-passa, u dawn intelqu f'pajjiż ieħor 'l bogħod, irriżulta li l-isturnell frieħ ta' l-ewwel sena, li qatt ma kienu passew qabel, komplew itiru lejn il-lbiċ, filwaqt li l-isturnell xjuħ, li ġa kellom esperjenza tal-passa, ikkoreġew id-direzzjoni tagħhom u taru lejn il-post fejn soltu jqattgħu x-xitwa. Dan l-esperiment wera li l-frieħ ta' l-isturnell jitwieldu bl-istint li jpassu lejn direzzjoni partikulari.

Mhux il-movimenti kollha ta' l-agħsafar jistgħu jitqiesu bħala passa. Bosta speċi ta' gawwi jitbegħdu f'direzzjoni bla regola. Il-Gawwi ta' rashom sewda jitilqgħu 'l fuq minn fejn ibejtu. Uħud iżda, jinżlu lejn in-nofs in-nhar waqt li oħrajn itiru lejn il-punent jew il-lvant.

Dan il-moviment ġeneralment jagħmluh dawk l-agħsafar li huma residenti bħal ma jagħmel il-Merill (Blue Rock Thrush) hawn Malta. Dan ikun qed jinfirex u mhux ipassi. Moviment ieħor ta' l-agħsafar li għadu mhux mifhum tajjeb wisq huwa l-eruzzjoni (eruption), u dan ukoll mhux passa. Xi speċi ta' għasafar li jbejtu fit-Tramuntana bħal Kruċjat (Crossbill), kultant iħallu l-boskijiet tal-prinjol fejn jgħixu u jerħula lejn in-nofs in-nhar u l-lvant. Dan jiġri kull tlieta jew erba' snin jew minħabba żieda kbira fil-popolazzjoni ta' dan l-għasfur jew minħabba nuqqas ta' ikel, jew minħabba t-tnejn. In-numru ta' l-agħsafar involuti f'dan iċ-ċaqliq ma jkunx dejjem l-istess. Xi drabi uħud jibqgħu fil-post il-ġdid u jbejjtu hemm. Għadu qatt ma ġie ppruvat jekk dawn l-agħsafar jergħux jitilgħu lura lejn il-post fejn twieldu u kienu jbejjtu.




*Kruċjat*

Meta wieħed jara dan il-fenomenu hekk kbir tal-passa ta' l-agħsafar li jirrikjedi tant sforzi u tant kalkoli, u li joffri tant spettaklu u tant studju, wieħed ma jistax ma jistmerx u ma jikkundannax il-qerda bla sens ta' tant agħsafar tal-passa, li wara li jkunu ffaċċjaw tant periklu u jkunu waslu f' pajjiżna qawwijin u sħaħ, jisfaw vittma ta' l-egoiżmu tal-bniedem.



# ĦUTTAF, ĦAWWIEF U RUNDUN

Il-ħuttaf, il-ħawwief u r-rundun huma għasafar li għandhom titjira ħafifa. Huma għasafar kemmxejn tawwalin u rqaq. Il-Ħuttaf (Swallow) u l-Ħawwief (House Martin) għandhom denbhom jispiċċa bħal furketta, u ġwinħajhom twal u bil-ponta. Dawn għandhom geddum qasir li jinfetaħ ħafna biex jippermettilhom jaqbdu l-insetti waqt li jkunu qed itiru. Ir-Rundun (Swift) għandu ġwienaħ twal u qishom minġel, filwaqt li denbu huwa qasir.



*Ħuttaf*

## IL-ĦUTTAF

Il-ħuttaf huwa twil madwar 19cm. Dan jingħaraf mid-denb li jispiċċa qiesu furketta b'żewġ ponot twal għax iż-żewġ rixiet ta' barra tad-denb huma ħafna itwal mill-oħrajn. Minn fuq il-ħuttaf huwa ta' kulur blu skur metalliku u għandu l-parti ta' quddiem ir-ras u għonqu kannella fl-aħmar b'burdura sewda fil-blu taħt l-għonq. Minn taħt il-ħuttaf huwa abjad fil-krema. Dan jingħaraf mill-ħawwief għax dawn ta' l-aħħar ma għandhomx iż-żewġ rixiet ta' barra tad-denb twal. Barra minnhekk il-ħawwief għandhom taħt geddumhom u fuq denbhom abjad. Il- ħuttaf jingħaraf ukoll mir-rundun għax dan ta' l-aħħar huwa skur kollu kemm hu.

Hawn Malta il-ħuttaf hu komuni ħafna fil-passa. Dawn nistgħu narawhom mill-aħħar ta' Frar sal-bidu ta' Ġunju, u mill-aħħar ta' Awissu sa nofs Novembru. Mijiet ta' ħuttaf u ħawwief spiss jinġabru fejn ikun l-ilma. Dawn jagħtu wirjiet sbieħ ta' akrobazija fit-titjir u huwa l-mument tajjeb biex wieħed josservahom fil-qrib.

Ħuttafa oħra li wieħed jista' jara hawn Malta hija r-Reġina tal-Ħuttaf (Red-rumped Swallow). Din ma tantx hi komuni hawn Malta u tidher bejn Marzu u Mejju. Fil-ħarifa hi rari ħafna.

## IL-ĦAWWIEF

Il-ħawwief huwa madwar 13cm twil. Dan, kif diġa għedna għandu dabra bajda silġ fuq denbu. Minn taħt huwa abjad ukoll. Rasu, dahru ġwienħajh u denbu huma suwed fil-blu. Denbu wkoll jispiċċa b'żewġ ponot iżda dawn mhumiex twal bħal tal-ħuttaf u ma għandhomx iż-żewġ rixiet ta' barra tad-denb twal. Is-saqajn tal-ħawwief huma wkoll miksijin b'rix zgħir abjad.



*Ħawwief*

## IR-RUNDUN

Ir-rundun huwa twil madwar 17cm. Dan jingħaraf mill-ħuttaf u l-ħawwief mill-ġwienaħ b'forma ta' minġel meta jtir. Huwa iswed kollu, iżda għandu dabra żgħira bajda taħt geddumu, li rari tkun tidher. Denbu hu qasir u jispiċċa wkoll b'żewġ ponot. Għandu titjira mgħaġġla u distintiva. Ir-rundun itir b'daqqiet mgħaġġla tal-ġwienaħ. Hawn Malta nistgħu narawh komuni ħafna u f'numru kbir minn Marzu sa Ottubru, u f'numri akbar minn Mejju sa Awissu. Żewġ speċi oħra ta' rundun li nistgħu naraw hawn Malta huma r-Rundun Kannella (Pallid Swift) u r-Rundun Żaqqu Bajda (Alpine Swift).



*Rundun*

Il-ħawwief huma komuni ħafna fir-rebbiegħa u jibda jidher min-nofs Frar sa nofs Gunju. Fil-ħarifa mhux daqshekk komuni u jidher mill-aħħar ta' Awissu sa l-aħħar ta' Novembru.

Ħawwiefa oħra li naraw hawn Malta hija l-Ħawwiefa tax-Xtut (Sand Martin) li hi komuni minn Marzu sa Mejju u f'numru iżgħar bejn Awissu w Ottubru. Tixbaħ ħafna lill-ħawwiefa iżda flok sewda fil-blu hija kannella. Ma għandhiex dabra bajda fuq denbha u fuq sidirha għandha faxx kannella wkoll.



*Ħawwief tax-Xtut*

Il-ħuttaf, il-ħawwief u r-rundun huma kollha għasafar li jgħinu l-bniedem fil-kontroll ta' l-insetti. Huma għasafar protetti bil-ligi u ħadd ma jista' jaqbadhom jew jisparalhom u/jew iżommhom u/jew jibbalzmahom.


Il-Merill

# IL-MERILL

Forsi wieħed jaħseb li l-Merill huwa l-għasfur nazzjonali għaliex jinsab biss hawn Malta. Dan mhux minnu għaliex il-Merill jinsab f'ħafna postijiet barra minn Malta. Fil-fatt hu jinsab fin-naħa t'isfel ta' l-Ewropa f'inħawi li jvarjaw minn muntanji sa widien u rdumijiet ħdejn il-baħar. Il-mappa t'hawn taħt turi l-parti ta' l-Ewropa fejn jinsab il-Merill.

Mela għaliex il-Merill hu l-għasfur nazzjonali? Il-Merill kien qiegħed jonqos ħafna mill-kampanja Maltija għax ħafna nies kienu jieħdu l-frieħ mill-bejtiet biex irabbuhom u jżommuhom fil-gaġeg għall-għana. Ta' min jgħid li l-qbid tal-frieħ mill-bejtiet għall-għana ilu jsir għal aktar minn mitt sena. Charles A. Wright, studjuz u kittieb fuq l-agħsafar ta' Malta, fl-1864 kiteb li l-frieħ tal-Merill jinsterqu mill-bejta biex imbagħad jinbiegħu għall-għana fis-suq tal-Belt. Qal ukoll li l-Maltin li kien ikollhom Merill f'gaġġa kienu jdendlu biċċa ċarruta ħamra mal-gaġġa u jpoġġu baħbuħa (bebbuxu sabiħ) ġo fiha biex iżommu l-għajn ħażina 'l bogħod mill-Merill tagħhom. Oħrajn kienu jisparaw fuqu biex jibbalzmawh għall-kollezjoni jew biex jagħtuh bħala rigal.

Biex il-Merill ikun protett u jiżdied, intgħażel bħala l-Għasfur Nazzjonali u dan għenu ħafna biex żdied aktar ir-rispett lejn dan l-għasfur. Dan ma jfissirx li l-Merill biss kien jinqatel u jinqabad. Kien hemm u għad hawn (minkejja li għandna l-ligi) għasafar oħrajn li qegħdin jinqerdu bħall-Barbaġann (*Tyto alba*) u l-Bies (*Falco peregrinus*) li għad baqa' biss xi żewġ pari jbejtu f'Malta w Għawdex. Li kieku stajna konna nagħmlu l-agħsafar kollha bħala għasafar nazzjonali, izda dan ma jistax ikun. Barra minnhekk m'hemmx għalfejn għasfur ikun nazzjonali biex ma jinqatilx. Għalkemm il-Merill huwa l-għasfur nazzjonali ma jfissirx li m'għadx hawn nies li jaqbdu l-frieħ jew joqtluħ għax jgħidu li ħasbuh xi għasfur ieħor. Dan l-aġir ta' min jikkundannah għaliex il-Merill,(bħal kull għasfur ieħor!!!) hu parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna.

M D ENGLAND

Skond ir-regolamenti ta' l-agħsafar il-Merill hu għasfur protett u ħadd ma jista' jieħu , jaqbad, iżomm, jispara fuq u/jew jibbalzma dan l-għasfur.

Hawn Malta wieħed jista' jiltaqa' mal-Merill kemm viċin il-baħar, mal-blat u l-irdumijiet, kif ukoll f'widien u fil-kampanja. Għalkemm hu aktar numeruż madwar il-kosta, fejn għandu protezzjoni naturali minħabba l-inħawi, insibuħ ukoll fil-kampanja 'l bogħod mill-irdumijiet. Ħawnhekk insibuħ ibejjet f'xi swar few f'bini qadim u mitluq. Kif juri ismu, *Monticola solitarius* , il-Merill iħobb iżomm għalih waħdu u għalhekk qatt ma jidher f'numri kbar bħal, ngħidu aħna, l-Isturnell (*Sturnus vulgaris*). Meta r-ragel jagħżel is-sieħba huma jibqgħu flimkien sal-mewt. Rari tarah 'il bogħod minn fejn ikollu l-bejta. Din jibniha f'xi toqba fil-blat,jew f'xi bini qadim, għal ħabta ta' Marzu. Biex jibnuha jsibu egħruq, zkuk irqaq u ħuxlief. Ġieli jużaw l-istess toqba sena wara l-oħra. Meta jagħmlu hekk, l-agħsafar jirrangaw il-bejta l-qadima u jżidu ftit materjal ieħor.

*Il-Merill iżoqq lill-frieħ fil-bejta.*



M D ENGLAND




*Il-Merill iġorr gremxula biex iżoqq lill-frieħ.*

Meta l-bejta tkun lesta, is-sieħba tbid minn erbgħa sa sitt bajdiet għall-aħħar ta' Marzu. Il-bajd ikun ta' lewn ċelesti b'tikek irqaq kannella fin-naħa l-wiesgħa. Il-mara biss toqgħod fuqhom waqt li r-raġel ikun qrib tal-bejta biex iwissi lis-sieħba meta jkun riesaq xi periklu. Il-bajd idumm minn 13 sa 15-il jum biex ifaqqas. Wara li jfaqqsu, il-frieħ iżoqquhom kemm l-omm kif ukoll il-missier u l-ikel jikkonsisti f'dud, ġurati, bebbux u gremxul żgħir. Il-frieħ iħallu l-bejta wara xi 17-il jum. Meta l-frieħ jitgħallmu jfendu għal rashom, il-missier ikeċċihom 'l bogħod mill-bejta u l-mara terġa tbid għat-tieni u l-aħħar darba għal dik is-sena.

Il-Merill raġel huwa kollu blu griż b'denb u bi ġwienaħ skuri kważi suwed. Il-mara hi kannella b'ħafna tinqix iżjed skuri. Il-Merill raġel hu l-emblema tas-Soċjeta' Ornitoloġika (MOS) li twaqqfet fl-1962. L-għanijiet prinċipali ta' din is-Soċjeta' huma li taħdem għall-ħarsien ta' l-agħsafar kontra l-qbid u qtil bl-addoċċ u li tgħallem lill-pubbliku ġenerali, b'mod speċjali ż-żgħar. Għan ieħor huwa l-istudju ta' l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom permezz ta' osservazzjoni u l-użu taċ-ċrieket ħfief magħmulin apposta għal dan il-għan.

Fl-1971, il-Merill deher, fuq bolli tal-5d u l-10d, f'sett ta' erba' bolli li juri wkoll il-pjanta nazzjonali, Widnet il-Baħar (Centaurea spathulata) li hija l-emblema tas-Socjeta' għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura (SSCN). Fl-1972 ġie minqux fuq munita tad-deheb ta'£M20.

Dan it-tagħrif fuq il-Merill sar fuq studju li għamlu nies li verament iħobbu l-agħsafar. Nies li jużaw il-ħin liberu tagħhom jistudjaw l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom. Aktar ma nsiru nafu fuq l-agħsafar aktar insiru nħobbuhom. Għalhekk inħeġġu lit-tfal kollha ta' Malta u Għawdex biex jaqraw aktar fuq dan is-suġġett.



*L-inħawi fejn jinstab il-Merill*




F'Malta w Għawdex il-postijiet bis-siġar ma tantx huma bil-wisq. Il-Buskett huwa post magħruf għas-siġar u xtieli oħra. Bla dubju, l-agħsafar jużaw il-Buskett bħala post għall-mistrieħ u għall-akkwist tal-ikel tagħhom.

Is-siġar l-iktar numerużi fil-Buskett huma tal-Prinjol u taċ-Ċipress. Wied il-Luq huwa l-uniku parti fejn hemm l-ilma b'mod speċjali fix-xitwa. Hawnhekk jinsabu sigar tal-Luq, tal-Fraxxnu, l-Ulmu u l-Balluta. Dawn, flimkien mal-qasab u l-għollieq, isebbħu d-dehra tal-wied. Fl-egħlieqi, bejn il-Bosk u l-wied, hemm id-dwieli u s-siġar tat-tin, u mal-ħitan tikber il-Liedna. F'postijiet fejn hemm irdum baxx jinsab dak li hu magħruf bħala "maquis". Dan jikkonsisti f'post jew 'habitat' fejn jikbru bosta siġar u xtieli li ma jitwalux iżjed minn tlett metri, bħall-ħarrub żgħir, żebbuġ, kif ukoll xtieli bħall-Pistaċja, ż-Żagħrun u l-Ispraġġ. Ħafna xtieli jipproduċu frott li l-agħsafar ifittxu biex iżidu l-piż u x-xaħam bħala riserva għall-vjaġġ tagħhom.

L-imsaġar huma ftit fil-gżejjer tagħna u għalhekk il-Buskett joffri ambjent lil dawk l-agħsafar li s-soltu jgħixu fil-boskijiet. Għalhekk, il-Ġamiem, is-Slaten il-ġamiem, it-tajr isfar, ħafna Buful, iż-Żanżarelli u l-Kudirrossi kollha ssibhom f'dan l-ambjent. Kieku ma kienx għall-kaċċa bla rażan, kieku aktar agħsafar tal-passa jibqgħu fil-Buskett u xi whud ibejjtu wkoll. Għalhekk fiż-żmien tal-bejta l-agħsafar li wieħed isib fil-Buskett ikunu ftit.
Iżda fil-wiedin wieħed jista' jsib il-Bagħal ta' l-għollieq li bl-għana tiegħu jgħati ħajja lill-wied; u l-Bufula s-sewda li tbejjet f'siġar żgħar jew xtieli oħra. Id-Durrajsa iktar tħobb postijiet mikxufa u dan jgħodd ukoll għall-Bagħal ta' l-imrewħa li minkejja ċ-ċokon tiegħu, l-għajta tar-raġel "żip, żip, żip", saret ħaġa komuni fil-kampanja Maltija. Li tara l-frieħ ta' l-Isponsuni u ż-żanżarelli tat-tikki hija ħaġa kważi ta' kull sena.

Fil-ħarifa tidher il-bidla fil-Buskett; xi xtieli jinxfu, iżda oħrajn, bħall-għollieq ikun bil-frott. L-insetti jinġabru mal-bużbież, u bil-mod jiżdiedu l-agħsafar tal-passa. Fil-għodu, il-Buful Passajr u l-Bekkafiki jkunu jieklu mill-frott ta' l-għollieq u tat-tin. Fil-wied, ġol-qasab, tisma' xi Bagħal tal-Qasab jew xi Bagħal Prim jagħjat jew



*Kudirross (raġel u mara)*

jgħanni waqt li jfittxu l-insetti qalb il-weraq. Mal-wasla ta' Settembru, it-temp jibda jiċċaqlaq, is-sħab jiżdied u mar-riħ isfel jibdu jidħru t-tajr tal-priża. L-għoli tal-Buskett u l-Bosk jiġbed lejħ ħafna tajr tal-priza. Il-Kuċċarda tidher l-iktar għalkemm din tidher sikwit fir-rebbiegħa wkoll. Ħafna mill-Kuċċard jagħtu wirja spettakulari meta jinżlu għall-irqad fis-siġar



*Kuċċarda*

għolja tal-Buskett, iżda b'xorti ħażina jisfgħu maqtula. Il-Bugħadam Aħmar huwa komuni, kif ukoll xi isqra bħall-Ispanjulett u s-Seqer tal-Ħannieqa, li jużaw il-Buskett biex jaqbdu xi għasafar bħal ħuttaf, ħawwief jew rundun tal-passa, kif ukoll xi annimali w insetti żgħar. Xi kultant jidhru għasafar inqas komuni, bħal xi Ajkla Bajda, l-Avultun, l-Arpa, xi Sparvier u xi Bies tar-Reġina.

Wara li tagħmel ix-xita sewwa, l-art mogħxa tinbidel f'kulur ħadrani u l-egħlieqi jkabbru għażla ta' ħxejjex differenti. Ix-xitwa ġġib magħha il-Vjolin tax-Xitwa, il-Buċaqq tax-Xitwa w ż-Żiemel li x'aktarx issibhom inaqqru qalb il-ħaxix u r-raba' saqwi. Jaslu wkoll ħafna mill-agħsafar ta' l-għana bħall-Apparelli, Sponsuni, Ġojjini u Vrieden li jistgħu jqattgħu x-xitwa magħna izda minflok isibu ruħhom f'xi gaġġa tan-nassaba.

Wieħed ma jistax jinsa l-Pitirross li hu wieħed mill-agħsafar l-aktar popolari mal-Maltin u Għawdxin. L-għanja ħelwa tiegħu tinstema' matul ix-xitwa kollha. Iżda għalkemm dan l-għasfur jagħmel ħafna ġid u l-għanja tiegħu tagħti ħafna gost, jinqabdu ħafna bit-trabokki anki fil-Buskett. Il-wasla tax-xitwa ġġib magħha l-għanja sabiħa tal-Malvizz jew l-għajta storbjuza tal-Malvizz Iswed. Jinstemgħu wkoll l-għajjat ta' xi kokka, u fil-ħaxix twil u mimli nida ma' l-ilma ġieri tal-wied, ikun hemm xi Bekkaċċ, xi Gallozz u xi Gallina.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar il-frott tal-liedna jsir. Għalhekk il-Kapineri u l-Pitirrossi, li jiddependu fuq dan il-frott, jiżdiedu u sa Marzu l-Buskett ikun mimli b'dawn l-agħsafar.

Il-Buskett huwa santwarju ta' l-agħsafar fejn ħadd ma jista' jġorr arma tan-nar jew munizzjon u ħadd ma jista' jaqbad jew jipprova jaqbad l-ebda għasfur. Kieku l-liġi tiġi osservata kieku certi għasafar żgur ibejjtu. Il-Gamiem żgur ibejjet; l-Ispanjulett u l-Barbaġann żgur ikollhom x'jaqbdu għall-friegħ. Is-siġar tal-ħarrub kieku zgur ikollhom xi bejta tal-Kaċċamendula u kieku u kieku...

Mhux biss il-kaċċaturi u n-nassaba jeqirdu l-ambjent tal-Buskett. Ħafna nies xi kultant jinsew is-sbuħija ta' l-ambjent naturali u jqaċċtu siġar u fjuri; jaqbdu ż-żrinġijiet u jħammġu l-ambjent tal-Buskett bl-iskart u bl-għajjat.

Il-Buskett jista' jkun ta' kullħadd jekk isir "Reserve" Naturali bħal ma qiegħed jiġri fl-Għadira. "Reserve" naturali jkun kontrollat u wieħed jista' jara l-agħsafar jew jistudja l-ħajja naturali minn passaġġi magħrufin bħala "nature paths". Fuq kollox ikun hemm nies apposta msejħin "wardens" biex iħarsu u jgħassu l-post u fl-istess ħin jispjegaw kif wieħed jista' japprezza l-ħajja naturali mingħajr ma jagħmel ħsara.

F'Malta ftit huma dawk il-postijiet bħall-Buskett u dan iktar jagħtina raġun għaliex għandna nħarsu l-Buskett. Il-Buskett huwa post fejn wieħed jista' jqatta' siegħa mistrieħ u fl-istess ħin japprezza l-ambjent ta' madwaru, b'mod speċjali l-agħsafar li jkunu ta' kull lewn u daqs.



*Liedna*

# SE TIXTRI TROMBA



Biex wieħed jista' josserva l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom għandu bzonn tromba tajba. Għalhekk se naraw xi tagħrif siewi fuq kif taħdem it-tromba u xi punti li wieħed irid jagħti kas meta jkun se jixtri tromba.

Il-funzjoni ewlenija ta' tromba hi li tkabbar l-oggetti biex ikunu jistgħu jidhru b'aktar dettalji cari. Għalhekk wieħed jista' jaħseb li aktar ma t-tromba tkun tkabbar aktar ikun aħjar, izda dan m'hux dejjem il-kaz. Aktar ma t-tromba tkun tkabbar aktar tkun tqila u goffa u barra mil-fatt li trid iggorrha miegħek ikun difficli ħafna biex izzommha soda f'idejk. Wara kollox x'uzu jkollha veduta mkabbra ħafna jekk bic-caqliq ta' l-idejn ma tkunx tista' tara sewwa. Barra minnhekk aktar ma t-tromba tkun tkabbar il-wesgħa talveduta aktar tkun zgħira u l-abilta' li tiffoka (tara car) fuq oggetti qrib ħafna tonqos ukoll. Għalhekk wieħed jista' jgħid li tromba li tkabbar ħafna m'hix necessarjament ħaga tajba.

Generalment it-trombi jkollhom numri stampati fuqhom bhal,ngħidu aħna, 6X30, 7X50, 8X30 jew 10X50; hemm ħafna kombinazzjonijiet oħra, izda dawn li semmejna huma l-izjed komuni. L-ewwel numru - 6, 7, 8, 10 - jindika kemm il-darba t-tromba tkabbar. X'qawwa ta' tromba għandu wieħed juza? 6X huwa xi ftit baxx għalkemm jekk ikollok tromba 6X tajba din tkun ħafna aħjar minn xi waħda ta' qawwa ikbar izda m'hix cara ħafna. 8X hija tajba ħafna għal uzu generali; 10X hija eccellenti għal distanzi fit-tul bħal, ngħidu aħna, għax-xtut u l-kosti talbaħar, izda m'hix daqshekk tajba biex tara fil-vicin bħal, ngħidu aħna, f'xi wied bil-qasab u s-sigar. Fil-ħwienet tistgħu taraw trombi b'qawwa ikbar minn 10X, bħal 12X, 15X kif ukoll 20X, izda dawn tatux kashom. Naħseb li għalissa l-aħjar tromba ghal min għadu jibda hija 8X.

It-tieni numru fuq it-tromba jindika ddijametru f'millimetri tal-lenti ta' quddiem tat-tromba. Għalhekk tromba 10X50 tkabbar 10 darbiet u l-lenti ta' quddiem ghandhom dijametru ta' 50 millimetru. Jekk niddividu t-tieni numru bl-ewwel ikollna ndikazzjoni ta' l-ammont ta' dawl li jgħaddi mit-tromba -



fattur ta' 5 għal trombi 6X30 u 10X50 u fattur ta' 7 għal tromba 7X50. Għal kundizzjonijiet normali fattur ta' 4 jew 5 hu tajjeb. Fattur ta' 7 hu aħjar f' dawl baxx u għalhekk trombi 7x50 kull-tant isejjħulhom "trombi ta' bil-lejl" (night glasses). Izda billi il-ħabba ta' l-għajn tickien f'dawl normali jew qawwi tromba 7X50 ma' jkollha xejn spec-jali,f'dawn il-kundizzjonijiet, ħlief piz zejjed. Jekk toqgħod tqis kollox l-aħjar hija 8X30.

Il-kisi tal-lenti b'kimika specjali waqt li tkun immanufatturata jnaqqas ħafna l-ammont tar-riflessjoni minn fuq il-lent-ijiet. Dan mhux biss iħalli aktar dawl li jgħaddi mit-tromba imma jipprovdi wkoll dehra aktar cara. Meta tixtri tromba gdida qis li l-lentijiet ikunu miksijja; meta tħares lejhom(mhux minn go fihom) il-lentijiet miksija ikollhom lewn ikħal jew safrani.

Il-wesgħa tal-veduta hemm bzonn li tkun wisgħa mhux ħazin. Mingħajr din ikun difficli li ssib u tara dak li tkun trid jew li tibqa' tara għasfur waqt li jkun itir. Il-wesgħa tal-veduta tingħata jew bħal angolu jew bħala numru ta' jardi wisa' li jkunu jidhru minn tul ta' elf jarda bogħod. L-inqas li jista' jkollok huwa angolu ta' 7° li hu ekwivalenti għal wisa' ta' 120 jarda kif jidhru minn 1000 jarda bogħod u dan hu normali għal tromba 8X30. Hemm xi trombi Ġappunizi li għandhom angolu wiesa' iżda l-kwalita tad-dehra mhix tajba ħafna. Il-lenti-jiet iridu jkunu ta' kwalita tajba biex ikollhom angolu wiesa' kif ukoll dehra tajba.



A E BALDACCHINO

It-trombi trid tiffukhom iġifieri tmexxi il-lentijiet 'l quddiem u lura sakemm tara ċar kemm minħabba id-distanzi li jvarjaw kif ukoll minħabba l-vista diff-erenti ta' nies differenti. L-iffukar tat-trombi jista' jkun jew ċentrali - b' rota waħda fin-nofs tat-tromba li tmexxi ż-żewġ lentijiet ta' qrib l-għajnejn (eye-pieces) - jew kull lenti trid tiff-okha separatament. L-iffukar ċentrali huwa iktar faċli għax għandek bżonn biss seba wieħed, u meta tixtru tromba araw li din tiffoka b'rota ċentrali.

Punt importanti ieħor dwar l-iffukar u li rari wieħed jgħati kasu hu dak ta' l-iqsar distanza li t-tromba tista' tiffo-kha ċar. Dan hu bżonjuz għal studju mill-viċin ta' xi għasfur u ma jridx ikun aktar minn 10 piedi jekk hu possib-li. Għal darb'ohra kemm trombi li jkab-bru ħafna kif ukoll trombi irħas mhumiex tajbin ħafna f'dan il-qasam. Peress li meta wieħed jixtri tromba iktar jiffoka fuq oggetti fil-bogħod dan il-punt spiss jintnesa. Dan ukoll ivarja skond il-vista ta' l-għajnejn u xi ħadd li jbati bil-"long sight" irid joqgħod aktar att-ent, għaliex hu ma jkunx jista' jiffoka fil-viċin daqs wieħed b'vista normali jew b'vista qasira ("short sight").

Kif teżamina tromba qabel ma tixtriha: Qatt ma għandek tixtri tromba mingħajr ma teżaminha. Għaxar minuti fil-bieb tal-hanut u xi tliet trombi, waħda minn-hom ta' kwalita tajba hafna, wieħed malajr jibda jinduna il-kwalitajiet tajbin u jasal biex jagħżel l-aħjar tromba minn dawk l-irħas jekk ma jkunx irid jonfoq ħafna.

Meta teżamina tromba:

1) iċċekkja il-makkinarju ta' kif taħd-em; ara li r-rota ta' l-iffukar iddur liberament u li t-traversa li tgħaqqad iż-żewġ lentijiet li minnhom tħares mhix mgħawga u soda biżżejjed; kun ċert li l-qafas tagħha hu sħiħ u sod.

2) ħares mit-tromba bil-maqlub (mil-le-ntijiet il-kbar). B'hekk wieħed jista' jinnota xi diffetti fil-lentijiet jew xi ħmieġ. Il-lentijiet jista' jkun fihom xi bużżieqa ta' l-arja jew jista' jkun hemm xi frak tal-ħadid minn ġewwa.

3) itrombja lejn oġġett żgħir ftit 'l bogħod kontra s-sema - in-naħa ta' fuq ta' arblu tat-'television' jew xi arblu ta' bandiera huwa tajjeb ħafna. Kun ċert li tara dehra waħda bla ma tagħmel sforz. Jekk tara żewġ dehriet ta' l-oġ-ġett viċin ta' xulxin allura it-tromba

mhix f'posta u jaqbillek twarrabha.

4) erġa ħares lejn l-arblu tat-'television' u ara jekk id-dehra tibqax ċara meta tmexxi t-tromba l-ewwel lejn ix-xellug imbagħad lejn il-lemin. Normalment fit-trombi kollha jkun hemm xi tizlig fit-truf tal-lenti izda id-dehra trid tkun cara għall-inqas fin-nofs tal-lenti.

5) kun cert li l-arblu tat-'television' li jkun jidher fin-nofs tal-lenti ma jkollux bordura kaħla fuq naħa waħda u lewn il-laring fuq in-naħa l-oħra. Dan hu mportanti ħafna għaliex il-lewn ta' l-asgħafar jistgħu jigu mfixkla. Meta tmexxi t-tromba min-naħa għall-oħra ma jridx ikun hemm borduri mlewna fin-nofs tal-lenti; fit-truf tal-lenti dan jigri spiss u n-nuccalijiet ukoll ikollhom dan l-effett għalkemm ħafna nies ma jagħtux kasu.

6) ħares lejn xi ħaga dritta - xi arblu jew xi kantuniera ta' xi bini. Jekk tmexxi t-tromba lejn ix-xellug imbagħad lejn il-lemin il-linja dritta tidher xi ftit mgħawga, izda dan it-tgħawwig mhux suppost li jidher fin-nofs tal-lenti.

7) iccekkja l-iqsar distanza li tista' tara car. Ħafna trombi mhumiex tajbin ħafna f'dan il-qasam għalkemm tista' ssib differenzi kbar bejn trombi ta' l-istess marka.

8) iffoka fuq xi ħaga li għandha ħafna dettalji u ara kemm tidher cara. B'hekk tkun tista' tagħmel paragun bejn tromba w oħra. Mod tajjeb biex tagħmel dan hu li twaħħal xi bicca gazzetta daqs għoxrin jarda 'l bogħod u ezamina d-differenzi fit-tipa tal-kitba.

9) iccekkja c-carezza ta' dak li tkun qiegħed tara billi tqabbel tromba m'oħra u kun cert li l-lentijiet huma miksijin b'lewn ikħal jew safrani.

Kif qegħdin taraw mhix ħaga facli biex tixtri tromba izda jekk intom tieħdu z-zmien tagħkom tippruvaw u taraw trombi differenti fl-aħħar issibu waħda li tkun eccellenti.

Qabel ma nieqaf nixtieq nerga nagħtikom il-parir tiegħi biex tixtru tromba 8X30, izda l-importanti hu li tixtru waħda li tkun għal qalbkom. Ħudu ħsiebha u ħudu gost osservaw l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom.

*Dan l-artiklu ġie addattat u maqlub għal Malti minn artiklu ta' John Taunton u li kien deher f'magazine tal-YOC (Young Ornithologists' Club) ta' l-RSPB (The Royal Society for the Protection of Birds).*

---

ĦALIB IT-TAJR
Large Star-of-Bethlehem
*Ornithogalum arabicum*

Waħda mill-fjuri sbieħ li nsibu tikber fil-kampanja Maltija hija ĦALIB IT-TAJR. Din il-fjura tikber minn basla imdaqqsa li ġeneralment tkun imdawra b'basal żgħar oħra. Il-fjura titla fuq zokk li jkun minn 20 sa 60cm twil. Il-weraq huma wisgħin madwar 23mm u huma itwal miz-zokk li jkollu il-fjuri. Il-fjura tal-ĦALIB IT-TAJR hija bajda u tkun tfuħ. Bejn 6 sa 12 minn dawn il-fjuri jkunu imdawrin fuq in-naħa ta fuq tazzokk.

Il-ĦALIB IT-TAJR hija waħda mill-isbaħ fjuri li jikbru mill-basal li nsibu hawn Malta. Din insibuha tikber mal-ġnub ta' l-egħlieqi, specjalment f'egħlieqi abbandunati, kif u ukoll fix-xagħri. Għall-ħabta ta April u Mejju il-ĦALIB IT-TAJR jkun bil-fjuri.

Iżda s-sbuħija tal-fjura bosta drabi tikkaġuna l-qerda tagħha. L-irqajja bojod ta' dawn il-fjuri u l-ilwien ta' bosta fjuri selvaġġi oħra, jagħtu l-ħajja lill-kampanja Maltija. Iżda b'xorti ħażina mhux kulħadd jaf japprezza dawn il-fjuri fl-istat naturali tagħhom u jħallihom isebbħu l-kampanja biex ħaddiehor ikun jista jgawdihom ukoll. Għad fadal ħafna nies li jaqtgħu l-fjuri selvaġġi u jneżżgħu l-kampanja Maltija mill-libsa mlewna. Barra minn hekk meta l-fjura tinqata ma tkunx tista' tagħti ż-żerriegħa li jservu biex jagħtu ħajja ġdida lill-pjanti oħra s-sena ta' wara.

Wieħed jista' jgħin fil-ħarsien tal-fjuri billi ma joqtolhomx u billi japella biex dawn ma jinqatgħux. Barra minn hekk wieħed jista' ukoll jagħti sehmhu biex il-fjuri jkomplu jixterdu f'pajjiżna billi meta jinxfu jiehu ftit żerriegħa u jiżragħha f'postijiet oħra , anke jekk ikun fil-ġnien tiegħu. B'Hekk minbarra li jkun jista' japprezza dawn il-fjuri aktar mill-viċin, ikun qiegħed jgħin fit-tkattir tagħhom għax dawn ukoll huma parti mill-Wirt Naturali tagħna.



AN MOS PUBLICATION

PO BOX 498 VALLETTA MALTA